**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Appell Nru: 264/1999**

**Il-Pulizija (Spettur Lawrence Cutajar)**

**Vs**

**DOREEN ZAMMIT**

**Illum, 15 ta'Gunju, 2001.**

Il-Qorti :

Rat l-akkuza dedotta kontra Doreen Zammit talli fiz-Zurrieq, fis-7 ta'Lulju, 1999, fis-2.00 p.m., bil-hsieb li tghamel hsara lill-persuna ta'Martin Gaffarena, akkuzatu quddiem awtoritajiet kompetenti b'reat li kienet taf li l-istess Martin Gaffarena huwa innocenti tieghu.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali datata 27 t'Ottubru, 1999, li biha sabet lill-Doreen Zammit hatja ta' din l-akkuza, u kkundannata ghall-Lm100 Multa.

Rat ir-rikors t'appell ta'Doreen Zammit datat 2 ta'Novembru, 1999, li bih talbet li din il-Qorti tirrevoka, thassar u tannulla s-sentenza ta' l-ewwel Qorti w tilliberaha minn kull imputazzjoni w piena skond il-ligi.

Rat l-aggravju ta' l-appellanti.

Semghet lix-xhieda kollha mill-gdid taht gurament.

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Rat is-sentenza preliminari taghha tal-5 ta'Settembru, 2000.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi bazikamant l-aggravju principali ta' l-appellanti jikkonsisti filli, skond hi, l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti kien wiehed zbaljat. Skond l-appellanti, ghalhekk, dan ifisser li l-ewwel Qorti qatt ma setghet legalment u ragjonevolment issibha hatja in bazi tal-provi li kellha quddiemha.

F’dawn il-proceduri hemm zewg verzjonijiet tal-fatti allegati.

Hemm il-verzjoni ta’ l-appellanti li tghid li fis-7 ta’Lulju, 1999, ghal habta tat-8.30 a.m., certu Martin Gaffarena kien segwiha w rassha fil-mina ta’ bejn Hal-Kirkop u Hal-Luqa waqt li hi kienet sejra ghax-xoghol taghha il-Hamrun. Hi tghid li rat lill-Gaffarena wieqaf bil-vettura tieghu tal-marka Peugeot, kulur ahdar, numru tar-registrazzjoni MAR-400, miktub b’mod temporanju fuq kartuna, u hekk kif waslet hdejh, dan beda l-manuvrar imsemmi fuq u kif iddeskrivietu hi waqt ix-xhieda taghha. Skond hi dan l-incident dam madwar 20 sa 25 minuta, ghaliex Gaffarena wara kien anke segwiha saz-Zurrieq.

Hemm imbaghad il-verzjoni tal-prosekuzzjoni, ibbazata fuq dak li jghid dan Gaffarena, li din  il-verzjoni ta’ l-appellanti ma tistghax tkun vera jew kredibbli ghaliex fil-gurnata w hin msemmi minnha hu kien Blata-il-Bajda ghand tal-Peugeot minhabba xi ilment li kellu dwar il-vettura tieghu. Fil-fatt hu jghid li kien ilu hemm mit-8.00 a.m. sad-9.45 a.m. Fi ftit kliem, Gaffarena jallega alibi fil-hin, post u data ta’ l-incident li l-appellanti qed timputah bih. Dan l-alibi tieghu huwa korroborat minn tlett impjegati tad-ditta tal-Peugeot li jikkonfermaw li f’dak il-hin Gaffarena kien fl-imsemmi garage u ma haregx minn hemmhekk. Dan kif turi wkoll il-job card esebita.

Issa l-funzjoni ta’ din il-Qorti mhiex dik ta’Prima Istanza, fis-sens li ghandha tara hi liema verzjoni ghandha temmen u tasal sabiex tiddikjara w ssib htija jew le. Dik hija l-funzjoni ta’l-ewwel Qorti. Din il-Qorti, bhala Qorti ta’Revizjoni, trid tara jekk in bazi tal-provi li kellha quddiemha l-ewwel Qorti, li din il-Qorti ghandha ragjonevolment tahseb li sostanzjalment kienu l-istess provi li reghhet semghet hi, setghetx dik il-Qorti ragjonevolment tasal biex issib htija fl-appellanti. Ghalhekk din il-Qorti ghamlet l-apprezzament tal-provi hi wkoll sabiex tara jekk l-ewwel Qorti kienetx korretta fl-apprezzament tal-provi li ghamlet, kuntrarjament ghal dak li qed tallega l-appellanti.

Minn dak li setghet tikkonstata din il-Qorti, hi ma tista’ ssib ebda raguni valida legalment ghaliex ghandha, b’xi mod, tiddisturba d-diskrezzjoni ta’ l-ewwel Qorti fl-apprezzament tal-provi li ghamlet. Dak kien apprezzament regolari fejn l-ewwel Qorti, in bazi tal-provi li kellha, setghet ragjonevolment tikkonkludi kif fil-fatt ikkonkludiet. Hi kienet moralment konvinta li l-verzjoni tal-prosekuzzjoni kienet aktar verosimili, u ghalhekk waslet sabiex issib htija fl-appellanti. F’dan l-ezercizzju maghmul mill-ewwel Qorti, din il-Qorti ma ssib xejn x’ticcensura. Ghalhekk l-aggravju ta’ l-appellanti, li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament tal-provi b’mod skorrett, mhux akkolt u qed qed jigi respint.

Dwar l-aggravju l-iehor ta’ l-appellanti li jonqos l-element formali tar-reat addebitat lilha, anke hawnhekk jidher li l-ewwel Qorti xejn ma kienet konvinta minn din il-linja difensjonali ta’ l-appellanti. Dan ghaliex l-ewwel Qorti, kif gja’ intqal, analizzat il-provi kollha, kemm dawk diretti u dawk indiretti, u sabet li l-verzjoni ta’ l-appellanti mhiex kredibbli, fis-sens li l-provi u cirkostanzi tant kienu evidenti li Gaffarena qatt ma setgha kien fil-post, hin, data allegata mill-appellanti, li tali evidenza turi minghajr dubju ragjonevoli li meta l-appellanti rrapportatu lill-pulizija li allegatamant kien wettaq xi reat fil-konfront taghha,

kienet taf li dan ma kienx minnu. Kif hu ben saput, min ghandu jiggudika jista' jasal sabiex ikun moralment konvint mill-intenzjoni kriminuza mill-ezami tal-fatti rizultanti mill-provi w cirkostanzi. Dak hu li ghamlet l-ewwel Qorti, u hu evidenti li meta din waslet sabiex tkun moralment konvinta mill-htija ta' l-appellanti, dan kien ifisser li dik il-Qorti kienet certa, bla dubju dettat mir-raguni, li apparti l-att materjali tar-rapport mwettaq mill-appellanti, hi, cioe' l-appellanti, fil-hin li ghamlet dak ir-rapport fuq Martin Gaffarena, kienet taf li huwa innocenti u b'dan kollu xorta rrapportatu. Dan hu kull ma jirrikjedi l-Artikolu 101 li tahtu l-appellanti instabet hatja, cioe' l-att materjali tar-rapport lill-awtoritajiet kompetenti, u l-element formali fis-sens li min ghamel dak ir-rapport kontra persuna fejn akkuzata b'reat, kien jaf li dik il-persuna fil-fatt ma kienetx ghamlet dak ir-reat, bil-konsegwenza naturali li tali agir effettivament iwassal sabiex tigi kagunata hsara lill-persuna rapportata. Kif dejjem gie ritenut, wiehed huwa tenut dejjem responsabbli ghall-konsegwenzi naturali ta' dak li intenzjonalment u volontarjament jghamel. Minn dawn il-fatti jemergi l-element formali ta-dan ir-reat addebitat lill-appellanti. Dan ukoll kien parti mill-apprezzament tal-provi fl-assjem taghhom li sar mill-ewwel Qorti w li din il-Qorti ma ssib ebda skorrettezza fih. Ghalhekk anke dan l-aggravju huwa respint.

Dwar l-ilmenti l-ohra sollevati mill-appellanti, din il-Qorti thoss li ma tantx hemm x'tista' tghid fuqhom ghaliex effettivament dawn m'humiex xi aggravji li b'xi mod jistghu jsibu xi gustifikazzjoni jew validita' legali mill-aspett penali. Huma biss lanjanzi ta' l-appellanti fil-mod kif, skond hi, giet trattata mill-ewwel Qorti ghal dak li hu smiegh xieraq tal-proceduri quddiemha. Huma lanjanzi li huma kemmxejn ta'natura kostituzzjonli li ma jaqghux taht il-kompetenza ta'din il-Qorti u li, ghalhekk, mhiex qed tiehu konjizzjoni taghhom.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qed tichad l-appell ta'Doreen Zammit u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur